Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 146/20**
il-Lussemburgu, 24 ta' Novembru 2020

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-510/19
Openbaar Ministerie u YU u ZV vs AZ

# Il-prosekuturi fil-Pajjiżi l-Baxxi ma jikkostitwixxux "awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni" fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, peress li jistgħu jkunu suġġetti għal istruzzjonijiet individwali mill-Ministru għall-Ġustizzja Olandiż

F'Settembru 2017, inħareġ mandat ta' arrest Ewropew (iktar 'il quddiem il-"MAE") minn qorti istruttorja Belġjana kontra AZ, ċittadin Belġjan, li kien akkużat b'atti ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti, ta' użu minn dokumenti ffalsifikati u ta' frodi. F'Diċembru 2017, AZ ġie arrestat fil-Pajjiżi l-Baxxi u ġie kkonsenjat lill-awtoritajiet Belġjani skont deċiżjoni tar-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi). F'Jannar 2018, il-qorti istruttorja li kienet ħarġet il-MAE ħarġet MAE addizzjonali għal atti oħra minbarra dawk li għalihom kien ġie kkonsenjat AZ, u talbet għalhekk lill-awtoritajiet Olandiżi kompetenti ma japplikawx ir-regola ta' speċjalità prevista mid-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE [1]. Fil-fatt, skont din ir-regola, persuna li tkun ġiet ikkonsenjata lill-Istat Membru emittenti b'eżekuzzjoni ta' MAE ma tistax tkun is-suġġett ta' azzjoni kriminali, jew tiġi kkundannata jew imċaħħda mil-libertà mill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' dan l-Istat Membru għal reat imwettaq qabel il-konsenja tagħha, minbarra dak li fir-rigward tiegħu tkun ġiet ikkonsenjata, ħlief jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun tat il-kunsens tagħha [2]. Fi Frar 2018, l-officier van justitie (il-Prosekutur) tal-arrondissementsparket Amsterdam (l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) ta l-kunsens tiegħu sabiex jitwessa' l-kamp tal-azzjoni kriminali b'mod konformi mal-MAE addizzjonali. Fil-Belġju, AZ kien imbagħad is-suġġett ta' azzjoni kriminali għall-atti msemmija fil-MAE inizjali u f'dak addizzjonali u ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' tliet snin.

Huwa f'dan il-kuntest li l-hof van beroep te Brussel (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju), adita b'appell ippreżentat minn AZ kontra l-kundanna kriminali tiegħu, qed tistaqsi jekk il-Prosekutur tal-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Amsterdam jistax jitqies li huwa "awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni", fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE [3], li għandha, konsegwentement, is-setgħa li tagħti l-kunsens previst minn din id-deċiżjoni qafas.

Għandu jiġi nnotat li, reċentement, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddikjarat ruħha diversi drabi dwar il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja", fil-kuntest tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE, u, b'mod iktar preċiż, dwar il-kwistjoni jekk prosekuturi tal-Istati Membri setgħux jitqiesu li jaqgħu taħt dan il-kunċett. B'dan il-mod, hija setgħet tikkonstata li dan kien il-każ f'dak li jirrigwarda l-Uffiċċji tal-Prosekutur Litwan, Franċiż, Svediż u Belġjan [4], iżda mhux f'dak li jirrigwarda l-Uffiċċju tal-Prosekutur

[1] Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24).
[2] Artikolu 27(2), (3)(g), u (4) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE.
[3] Il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni" huwa ddefinit fl-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE.
[4] Ara, rispettivament, is-sentenzi tas-27 ta'Mejju 2019, PF (il-Prosekutur Ġenerali tal-Litwanja), C-509/18 (ara wkoll Stqarrija għall-Istampa Nru 68/19); tat-12 ta' Diċembru 2019, Parquet général du Grand-Duché de Luxembourg u Openbaar Ministerie (Prosekuturi ta' Lyon u ta' Tours), C-566/19 PPU u C-626/19 PPU; tat-12 ta' Diċembru 2019, Openbaar Ministerie (Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Isvezja), C-625/19 PPU; u tat-12 ta' Diċembru 2019, Openbaar Ministerie (Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Brussell), C-627/19 PPU (ara wkoll Stqarrija għall-Istampa Nru 156/19).

Ġermaniż [5]. Għalkemm dawn il-kawżi kollha kienu jirrigwardaw il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti" ta' MAE [6], u mhux dak ta' "awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni", f'din is-sentenza, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-ġurisprudenza tagħha fil-qasam hija trasponibbli.

L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li, bħall-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti", il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni" huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni u ma huwiex limitat sabiex jindika biss l-imħallfin jew il-qrati. Fil-fatt, dan il-kunċett jinkludi wkoll l-awtoritajiet ġudizzjarji li jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali ta' dan l-Istat Membru u jaġixxu b'mod indipendenti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet inerenti għall-eżekuzzjoni ta' MAE, b'mod partikolari fir-rigward tal-poter eżekuttiv, u jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom fil-kuntest ta' proċedura li tosserva r-rekwiżiti li jirriżultaw minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Għalhekk, sabiex tiddetermina l-kontenut tal-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni", il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta l-istess kriterji bħal dawk żviluppati fil-ġurisprudenza tagħha dwar l-"awtoritajiet ġudizzjarji emittenti", u hija tiġġustifika dan bil-fatt li l-istatus u n-natura ta' dawn iż-żewġ awtoritajiet ġudizzjarji huma l-istess, minkejja li jeżerċitaw funzjonijiet distinti. Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva diversi elementi. Hija tenfasizza li d-deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' MAE kif ukoll dik dwar il-ħruġ tiegħu għandhom jittieħdu minn awtorità ġudizzjarja li tissodisfa r-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fosthom il-garanzija ta' indipendenza. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, l-istess bħall-ħruġ ta' MAE, l-eżekuzzjoni ta' MAE hija tali li tippreġudika l-libertà tal-persuna rikjesta, sa fejn din l-eżekuzzjoni twassal għall-arrest tagħha bil-għan tal-konsenja tagħha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li, kuntrarjament għall-proċedura ta' ħruġ ta' MAE li għaliha teżisti protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fuq żewġ livelli, fl-istadju tal-eżekuzzjoni tal-MAE, l-intervent tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni jikkostitwixxi l-uniku livell ta' protezzjoni previst mid-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE li jippermetti li l-persuna rikjesta tibbenefika mill-garanziji kollha xierqa għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-awtorità ġudizzjarja li tagħti l-kunsens tagħha sabiex ma tiġix applikata r-regola ta' speċjalità għandhiex tkun l-istess bħal dik li tkun eżegwiet il-MAE, dan il-kunsens ma jistax jingħata minn prosekutur ta' Stat Membru li, filwaqt li jipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, ikun jista' jirċievi, fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħa deċiżjonali tiegħu, istruzzjoni individwali mill-poter eżekuttiv. Fil-fatt, tali prosekutur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet neċessarji sabiex jiġi kklassifikat bħala "awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni". Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jingħata l-kunsens u b'hekk ma tiġix applikata r-regola ta' speċjalità, huwa meħtieġ l-intervent ta' awtorità li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet. Fil-fatt, din id-deċiżjoni hija distinta minn dik dwar l-eżekuzzjoni ta' MAE u għandha, għall-persuna kkonċernata, effetti distinti minn dawk ta' din l-aħħar deċiżjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza b'mod partikolari li, anki jekk il-persuna tkun diġà ġiet ikkonsenjata lill-awtorità ġudizzjarja emittenti, sa fejn il-kunsens mitlub jikkonċerna reat differenti minn dak li ġġustifika l-konsenja, dan jista' jippreġudika l-libertà ta' din il-persuna, peress li jista' jwassal għal kundanna iktar severa.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, skont id-dritt Olandiż, minkejja li d-deċiżjoni ta' eżekuzzjoni tal-MAE ssir, fl-aħħar nett, minn qorti, min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni li jingħata l-kunsens tittieħed esklużivament mill-prosekutur. Issa, peress li dan tal-aħħar jista' jkun suġġett għal istruzzjonijiet individwali mill-Ministru għall-Ġustizzja Olandiż, huwa ma jikkostitwixxix "awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni".

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità

[5] Ara s-sentenza tas-27 ta' Mejju 2019, OG u PI (l-Uffiċċji tal-Prosekutur ta' Lübeck u ta' Zwickau), C-508/18 u C-82/19 PPU (ara wkoll Stqarrija għall-Istampa Nru 68/19).
[6] Il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti" huwa ddefinit fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE.

ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*